**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 17.10.10: IT-TMIENJA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA.**

## GIMGHA TAL-PARROCCA

**IT-TNEJN, 18.10.10: SAN LUQA EVANĠELIST A**
**Fit-8.30a.m. LAQGĦA TA' TALB GĦAN-NISA**
Din tkun fil-knisja. Nistiednu n-nisa kollha jieħdu sehem.
**Fis-6.30p.m.** L-Ewwel Għasar tal-Konsagrazzjoni
**Fis-7.00p.m.** quddiesa.
**IT-TLIETA, 19.10.10 : JUM IL-KONSAGRAZZJONI TAL-KNISJA TAGĦNA**
**Fis-6.30p.m.** Kant tal-Għasar tal-Konsagrazzjoni
**Fis-7.00p.m.** Konċelebrazzjoni solenni.
**Fis-7.15p.m.** Il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ se tagħmel **laqgħa għaż-Żgħażagħ Għawdxin** li jistudjaw jew jaħdmu Malta. Din se tkun f'Dar Patri Magri quddiem il-Kappella ta' l-Universita'.
Nistiednu liż-żgħażagħ li se jkunu Malta biex jattendu.
**L-ERBGĦA, 20.10.10: Fis-7.30p.m. Laqgħa tal-Grupp tal-Kelma ta' Alla**. Din tkun fis-sala tad-Dar Parrokkjali.
**IL-ĦAMIS, 21.10.10: Fit-3.30p.m**. se nagħmlu **ħarġa għall-Anzjan**i u anke nagħtuhom xi refreshments.
Fil-għaxija dritt wara l-quddiesa, se jkollna ftit ħin ta' **Adorazzjoni** għall-bżonnijiet tal-Parroċċa.
**IL-ĠIMGĦA, 22.10.10: LAQGĦA GĦALL-ĠENITURI tat-Tfal tal-Precett I tal-Griżma**
**Fis-7.30p.m.** se ssir laqgħa għall-ġenituri li dinis-sena għ andhom lill-uliedhom se jirċievu s-sagramenti tal-Ewwel Tqarbin u tal-Griżma.
Din se tkun fis-Sala tad-Dar Parrokkjali. Fil-bidu jkun hemm diskors qasir mill-Arċipriet u wara jsir diskors mill-Prof Joe Zammit Ciantar, li huwa fil-Kummissjoni Parrokkjali Familja fil-Parroċċa ta' Santa Luċija Malta.
Wara l-ġenituri kollha jridu **jiffirmaw id-dikjarazzjoni apposta**
**Fis-7.30p.m**. se jsir ukoll ir-Ružarju fil-beraħ li din id-darba jmiss fiz-zona ta' Main Street.
**IS-SIBT, 23.10.10: fil-10.30a.m.** quddiesa għat-tfal kollha u wara nagħtuhom xi refreshments.
**Fis-7.30p.m.** ikompli l-Kors ta' Tħejjija għaż-Żwieġ u l-Ħajja tal-Familja. Ikun fid-dar parrokkjali.
Illum isir il-ġbir ta' l-envelopes tal-missjoni li se jitqassmu ma' dan il-Bullettin.
**IL-ĦADD, 24.10.10: IT-TLETIN ĦADD MATUL IS-SENA**
**ĠURNATA MISSJUNARJA**
Il-Ġbir kollu li jsir llum fil-knisja waqt il-quddies ikun kollu għall-Missjoni.
**NOTA:** *Matul din il-Ġimgħa ddedikata lill-Parroċċa tingħad kuljum it-Talba għall-Parroċċa.*

## IĊ-ĊENTRU PARROKJALI

Ix-xogħol fuq ir-riorganizzazzjoni taċ-Ċentru u anke fuq il-manuitensjoni għaddej b'ħeffa, biex jitlesta kemm jista jkun malajr.
Il-mira tagħna hija li ċ-Ċentru jerġa jinfetaħ is-Sibt, 30 ta' Ottubru, biex jibda jkun miftuħ fil-weekends matul is-sena.
Nixtieq nirringrazzja li ħafna persuna li qed jagħtu s-sehem tagħhom b'mod voluntarju fix-xogħol li qed isir biex dan jiġi rranġat.
L-adolexxenti u ż-żgħażagħ se jiġu nformati bl-okkażjoni tal-ftuħ taċ-Ċentru.